MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2012

Numru. 535/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Salvinu Vella**
**Suan Michael Daly**
**Raphael Axiaq**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra ’l hawn fuq imsemmi **Salvinu Vella**, bin Francis u Victoria neé Zammit, imwieled fit-18 ta’ April 1952 u residenti fil-fond numru 43, Triq tal-Kanal,

Xewkija, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita’ numru 33352(G), **Sean Michael Daly**, bin Denis u Maria neé Debrincat, imwieled fit-22 ta’ Mejju 1974 u residenti fil-fond numru 38, Alley 1, Triq il-Vajringa, Rabat, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita’ numru 563691(M) u **Raphael Axiaq**, bin Anthony u Jane neé Haber, imwieled fid-19 ta’ April 1975 u residenti fil-fond numru 15, Triq Tonio Mallia Vernon, Xewkija, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita’ numru 8475(G) li gew akkuzati talli nhar is-17 ta’ Mejju 2011 kif ukoll nhar it-18 ta’ Mejju 2011 fir-Rabat, Ghawdex;

1. bla hsieb li jisirqu jew li jaghmlu hsara kontra l-ligi izda biss biex jezercitaw jedd li jippretendu li ghandhom fixklu lil Valentino Valenti fil-pussess ta’ hwejgu billi bnew jew ordnaw li jinbena hajt fuq il-proprjeta’ tieghu u cioe’ hajt divizorju bejn il-proprjeta’ ta’ Valentino Valenti fil-fond 39, Triq il-Karita’, Rabat, Ghawdex;

2. u talli kkommettew vjolazzjoni kontra l-proprjeta’ tal-istess Valentino Valenti meta sar dan ix-xoghol ta’ kostruzzjoni;

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

**Ikkunsidrat**

Rat id-diversi dokumenti, fosthom is-CD ezebit u kif ukoll ir-rapporti peritali ezebiti, fosthom dak tal-perit Shaun Micallef;

Ma jirrizultax li l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputati gew pruvati;

Ghaldaqstant, fuq nuqqas ta’ provi, il-Qorti tillibera lill-imputati kollha mill-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------